MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.

## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tad-9 ta' Gunju, 2014

Numru. 951/2013

**Artikoli 18, 49, 50, 261(c),(d), 279(b) u 294 tal-Kapitolu 9**

**tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Magistrat**

**Dottor Consuelo Scerri Herrera LL.D. Dip. Matr. (Can)**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**MARIO ABER**

**Il-Qorti,**

Rat li l-imputat **MARIO ABER,** ta’ 34 sena iben Carmelo u Maria Dolores xebba Caruana, imwieled il-Pieta’ fl-4 ta’ Frar, 1979 u residenti 60, Triq Hal Sajd, Zebbug u detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 107079(M) gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fix-xhur ta’ Settembru 2013 kif ukoll fix-xhur ta’ qabel, b’diversi atti maghmula minnu, ukoll jekk fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda, minn gewwa Gigi’s Cash & Carry sitwat fi Triq San Nikola, fil-Belt Valletta, ikkommeta serq ta’ flus kontanti, serq li huwa ikkwalifikat bil-valur u bil-persuna ghad-dannu ta’ Jefrin Grech.

Akkuzat ukoll li fl-istess dati, post u cirkustanzi imsemmija hawn fuq, approprja ruhu, billi dawwar bi profitt ghalih jew ghall-persuni ohra, haga ta’ haddiehor li tkun giet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikata.

Il-Qorti hija gentilment mitluba li f'kaz ta' htija tikkonsidra lil Mario Aber bhala recidiv.

Rat id-dokumenti esebiti mill-Prosekuzzjoni fosthom, estratt mill-att tat-twelid tal-imputat li hu mmarkat bhala Dok. CSH, fedina penali li hi mmarkata bhala Dok. CSH1 u okkorrenza li hi mmarkata bhala Dok. CSH2.

Illi din il-kawza giet moghtija lil din il-Qorti kif preseduta b'digriet ta' assenjazzjoni mis-Sinjurija Tieghu Prim Imhallef datat 21 ta' April,, 2014.

Illi din il-kawza giet appuntata ghall-ewwel darba quddiemha kif preseduta llum 29 ta' Mejju, 2014 u dakinhar l-imputat ma deherx u l-kawza giet differita ghas-6 ta' Gunju, 2014.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat kif registrata waqt is-seduta tas-sitta (06) ta' Gunju, 2014 u ghalhekk, fuq tali ammissjoni l-Qorti m'ghandhiex triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu mill-prosekuzzjoni.

Il-Qorti wissiet lill-istess imputat b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' dik it-twegiba tieghu u tatu zmien xieraq biex jekk ried, seta' rega' lura minnha u fil-fatt l-ammissjoni tieghu giet registrata fl-atti ta' din il-kawza fl-istess seduta tas-sitta (06) ta' Gunju, 2014.

Il-Qorti semghet lil parte civile Jefron Grech jiddikjara fis-seduta tas-6 ta’ Gunju, 2014 illi huwa wasal fi ftehim mal-imputat li sejjer ihallsu lura s-somma ta’ tlett elef ewro ghas-saldu ta’ kull pretensjoni li huwa kellu fil-konfront tieghu.

Semghet lill-partijiet jiddikjaraw f’din l-istess seduta tas-6 ta’ Gunju, 2014 li jaqblu li din il-Qorti ghandha taghti ordni ta’ *probation* flimkien ma’ *restitution order* fil-konfront tal-imputat fl-ammont pattwit bejniethom. Il-Prosekuzzjoni taqbel ma’ din id-dikjarazzjoni.

**Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat l-Artikoli tal-Ligi, u cioe’ l-Artikoli 18, 49, 50, 261(c),(d), 279(b) u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, il-Qorti tiddikjara li ssib lill-imputat MARIO ABER hati tal-akkuzi u tiddeciedi li tpoggieh taht Ordni ta’ Probation ai termini tal-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghall-perjodu ta’ tliet snin mil-lum skond l-ordni annessa.**

**Tordna ukoll li ai termini tal-Artikolu 24(1) tal-istess Kapitolu 446 li l-imputat ihallas is-somma ta’ tlett elef ewro (€3000) lil parte civile Jefron Grech fi zmien sena mil-lum u dan in rapprezentanza tad-danni sofferti minnu.**

**Tordna li kopja ta’ din is-sentenza tinghata lill-imputat kif ukoll tigi notifikata lid-Direttur tal-Ufficcju tal-Probation u Parole sabiex jigi**

**<u>nominat kandidat idoneju sabiex jiehu hsieb din l-ordni ta’ Probation.</u>**

**<u>Il-Qorti tordna ai termini tal-Artikolu 401(3) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta li kopja ta’ din is-sentenza flimkien mal-atti kollha tal-process jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti fil-ligi.</u>**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------